KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

24 ta' Mejju 2010

## Minuti tal-Laqgha Straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana

Is-Sindku sejjah il-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana li nzammet **nhar il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010 fl-17:45.**

Il-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill Lokali Floriana nzammet b'din l-agenda:-

1. Talba ghal trasferiment tas-Segretarju Ezekuttiv

Ghal-laqgha straordinarja tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat.

## Bidu tal-laqgha:

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1. Talba ghal trasferiment tas-Segretarju Ezekuttiv

1.1 Is-Sindku Nigel Holland spjega li r-raguni ghalfejn giet imsejjha din il-laqgha kienet li s-Segretarju Ezekuttiv kien talab lill-Kunsill biex jigi trasferit ghall-Kunsill iehor.

1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega d-diversi ragunijiet ghalfejn xtaq ibiddel l–impjieg tieghu. Ir-raguni principali kienet minhabba li xtaq ibiddel il-post tax-xoghol peress li kien ilu ghaxar snin fl-istess post. Is-Segretarju semma wkoll li l-lokalita' ta' Floriana differenti minn lokalitajiet ohrajn ggib maghha pressjoni zejda relatata mal-attivitajiet organizzati fil-Floriana, li jinvolvuh anke fil-hinijiet ta' wara x-xoghol.

1.3 Il-Kunsilliera insistew mas-Segretarju Ezekuttiv biex jibqa' mal-Kunsill Lokali Floriana u kienu lesti joffru kull ghajnuna biex titnaqqas din il-pressjoni zejda msemmija mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona biex il-Kunsill jahtar persuna ohra li jkollha f'idejha specifikament dawn l-attivitajiet kollha li jigu organizzati fil-Floriana, kemm mill-Kunsill kif ukoll minn entitajiet ohrajn u li tkun il-persuna responsabbli minn dak kollu li hu relatat mal-attivitajiet. Il-Kunsill approva unanimament.

1.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet mozzjoni biex “il-Kunsill ma jilqax it-talba ta’ trasferiment tas-Segretarju Ezekuttiv minhabba li l-Kunsill huwa kuntent bis-servizz tas-Sur Brincat u jhoss li huwa difficli li jsib Segretarju Ezekuttiv iehor bl-esperjenza u l-kompetezeni li ghandu hu”, issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, u ttiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH,VB, ET, SSH)
Kontra: 0

1.6 Il-Kunsill talab ghalhekk lis-Segretarju Ezekuttiv jirrikonsidra l-pozizzjoni tieghu.

1.7 Fid-dawl tal-izviluppi ta’ din il-laqgha, is-Segretarju Ezekuttiv irtira t-talba tieghu li jigi trasferit f’Kunsill Lokali iehor.

**TMIEM IL-LAQGHA**

Il-laqgha ntemmet fis-18.30.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Ezekuttiv |